MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 2249/2004

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Anthony Muscat**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm277.58c (mitejn u sebgha u sebghin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 2824 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Lulju 2001 u Awissu 2001.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-Ittra Ufficjali tal-21 t'Ottubru 2004, dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz tat-talba, u bl-imghaxijiet sad-

data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lill-PL Peter Sammut jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------